MLC/Fratellanza

MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 5

29 ta' Ottubru 2024

Minuti tas-seduta Nru. 5 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsilliera L. Darmanin li kienet imsiefra, iżda li pparteċipat b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

**Kondoljanzi**

Is-Sindku G. Micallef ta l-kondoljanzi lill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri wara l-mewt ta' nannuh is-Sur Maurice Zammit li ġrat fis-26 ta' Ottubru 2024. Il-membri kollha tal-Kunsill ingħaqdu mas-sentimenti espressi mis-Sindku.

Is-Sur M. Borg Cuschieri rringrazzja lill-Kunsill.

1.1. **Minuti -**

1.2. Il-Kunsillier J. Cauchi aċċenna għall-minuta 5.7.3. **(Ref: K/6/10/Vol IV)** tas-sedutua preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"5.7.3. Il-Kunsillier J. Cauchi kkummenta li minħabba l-bring-in site u l-faċilità tal-BRCS qed ikun hemm nies li jirrifjutaw li jikru jew jixtru proprjetà fil-blokka li tiġi biswit Triq Ta' Fuq il-Miġduma minħabba l-ħsejjes u l-irwejjaħ li jiġu ġġenerati, partikularment meta jitbattlu d-domes. Huwa qal li ġie kkuntattjat minn xi residenti fil-blokka Townsend sabiex dawn il-faċilitajiet jiġu rilokati fi Triq Selmun.".*

1.3. Is-Sur Cauchi rrefera wkoll għat-titlu u għall-minuta 5.25.2 **(Ref: Z/1/Vol VI)** tas-seduta preċedenti. Huwa talab li dawn jinqraw kif ġej:

**"5.25.1. Inizjattiva maż-żgħazagħ tal-lokalità** **(Z/1/Vol VI)**

*5.25.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li qiegħed f'kuntatt mad-Dipartiment tal-Istudji Komunitarji u l-Migrazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta sabiex l-istudenti li qed isegwu korsijiet fil-livell ta' masters jaħdmu maż-żgħażagħ sabiex flimkien jesploraw issues li jistgħu jindirrizaw flimkien ġewwa l- lokalita. Dan jista' isir b'diversi modi, inkluż workshops, kwestjonarji, eċċ tul il-perjodu bejn Ottubru u Mejju, meta huma jkunu jistgħu jutilizzaw is-siegħat ta' xogħol komunitarju li obbligati jagħtu bħala parti mill-kors tagħhom. Is-Sur Cauchi ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-għaqdiet mhux governattivi li jeżistu fil-lokalità."*

1.4. Il-minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati mingħajr emendi.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Materji pendenti mal-Awtorità tal-Artijiet (P/5/2/Vol II)(P/10/3A)

2.1.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-minuta 5.30.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-21 ta' Ottubru 2024 huwa u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ltaqgħu mas-Sur Roderick Vella l-Kap tas-Segretarjat fil-Ministeru tal-Artijiet u Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali – dwar l-istat dilapidat tal-fortizza. Preżenti kien hemm is-Sur Paul Vella konsulent fil-Ministeru u s-Sur Joseph Mamo mill-Awtorità tal-Artijiet.

2.1.3. Fl-istess laqgħa ġew diskussi il-miżuri li ser tieħu l-Awtorità dwar il-Fortizza ta' Campbell. Intqal li apparti t-tabelli li diġa twaħħlu ser jiġu mbarrati l-bibien u t-twieqi bil-knaten tal-franka. Dan l-eżerċizzju ser jiġi kkordinat mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Kien hemm qbil ukoll li għandha titwaħħal tabella kbira li tolqot it-toroq kollha qabel il-fortizza fejn kien hemm il-*guardroom*.

2.1.4. In-naħa tal-Kunsillier irreferiet għal itta mibgħuta mill-Kunsill lill-Awtorità tal-Artijiet fid-29 ta' Mejju 2024 fejn intalab permess sabiex tkun tista' sejħa għall-interess dwar l-amministrazzjoni tal-**Irżieżet Ta' Selmun** minn xi organizzazzjoni mhux governattiva reġistrata bħala tali skond l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492). L-istess talba tgħid ukoll li l-proprjetà tiġi trasferita fl-intier tagħha lil għaqda volontarja waħda, wara li tinħareġ sejħa għall-offerti skont l-Att Dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

2.1.5. Tqanqlet ukoll il-kwistjoni bejn il-Kunsill u CareMalta Ltd dwar it-twaqqif ta' *fence* fil-parti t'isfel ta' **Ġnien il-Qigħan,** u l-ħsara li saret fuq id-dwal tal-istess ġnien. Il-naħa tal-Kunsill ġibdet l-attenzjoni li huwa evidenti li l-pjanti annessi mal-ftehim ta' devoluzzjoni li sar mal-Kunsill u dak ta' CareMalta Ltd jirkbu fuq xulxin, filwaqt li l-Awtorità tal-Artijiet għadha ma kkoreġietx dan l-iżball minkejja li ġiet mitluba mill-Kunsill. Saret aċċenn għal allegat ftehim li kien hemm mal-Kap Eżekuttiv tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità li jobbliga lill-Kunsill jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa biex ma ssirx ħsara fil-binja "Orange Grove", parti minn Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-ftehim qatt ma ġie ffirmat u lanqas CareMalta Ltd ma kienu f'pożizzjoni li jgħaddu kopja tiegħeu meta dawn intalbu jagħmlu hekk.

2.1.6. Dwar il-kwistjoni ta' Ġnien il-Qiegħan, il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li l-Kunsill għandu jirreferi l-każ lill-Ombudsman, kemm-il darba ma jkunx hemm rispons wara l-kuntatti li saru mal-Ministeru konċernat.

2.1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. PA 5632/24 – Pjan ħollistiku dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa (T/4/10/Vol III)

2.2.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuti tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-pożizzjoni kif deskritta fil-minuta tas-seduta preċedenti mhux ser tbiddel xejn minn dik li addottata fil-passat mill-Kunsill. Aċċenna wkoll għall-minuta 7.4.(a) u kkummenta li din tista'

tinftiehem li n-numru massimu ta' imwejjed u siġġijiet ikun regolat bit-tul tal-faċċata tal-istabbiliment.

2.2.2. Is-Sindku G. Micallef qal li għalkemm ir-rappreżentazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar ma tidħolx fid-dettal tal-punt imqajjem fil-minuta 2.2.1., il-kriterju regolatorju għandu jkunu l-faċilitajiet eżistenti fl-istabbiliment.

2.2.3. Is-Sur J. Buttigieg irrefera wkoll għall-minuta 7.4.(k) fejn osserva li ma saret ebda referenza għall-umbrellel li jistgħu jitpoġġew fuq il-parapett. Huwa ġibed l-attenzjoni li tqegħid ta' umbrellel daqshekk fil-għoli jħalli impatt negattiv fuq id-dehra tal-misraħ, b'mod partikulari jekk aktar 'il quddiem jikber in-numru ta' stabbilimenti fuq dik in-naħa.

2.2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal ittra mibgħuta mill-Kunsill Parrokkjali Pastorali tad-29 ta' Ottubru 2024, fejn skużaw rwieħhom li ma kinux preżenti għall-konsultazzjoni pubblika li saret fit-23 ta' Settembru 2024 minħabba mpenji pastorali. Fl-istess ittra għamlu disa' punti li fil-parti l-kbira tagħhom ġew trattati fir-rappreżentazzjoni li saret mill-Kunsill mal-Awtorità tal-Ippjanar fis-27 ta' Settembru 2024.

2.2.5. Il-Kunsill innota li kważi l-punti kollha li saru fl-ittra tal-Kunsill Parrokkjali ġew trattati fir-rappreżentazzjoni li saret mill-Kunsill Lokali mal-Awtorità tal-Ippjanar permezz ta' ittra datata 28 ta' Settembru 2024.

**2.3.1. Inizjattiva maż-żgħażagħ tal-lokalità** **(Z/1/Vol VI)**

2.3.2. Il-Kunsillier J. Cauchi rrefera għall-minuta 5.25.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa kellu laqgħa mal-istudenti universitarji li ser ikunu nvoluti f'din l-inizjattiva. Spjega li dawn ser ikollhom 100 siegħa allokati għall-proġett u ser jiltaqgħu ma' żgħażagħ fi ħdan l-għaqdiet tal-lokalità u anke minn barra, biex huma stess jindikaw l-isfidi li qed jaffaċċjaw. Il-metodoloġija li ser tiġi addottata ser jistabilixxuha huma stess sabiex jaslu għal għanijiet mixtieqa. Is-Sur J. Cauchi, għaldaqstant ippropona li dan jingħata promozzjoni fil-media soċjali tal-Kunsill, bil-għan li dawk involuti jkunu jafu biha qabel jiġu kkuntattjati.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**3.1.1. Servizzi mogħtija mill-*Malta Rangers Unit*** **(W/3/Vol XI)**

3.1.1. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm xi żviluppi fuq is-suġġett.

3.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li huwa staqsa lid-Diviżjoni jekk huwiex permess li jiġi akkwistat servizz kontinwu bi ħlas, direttament minn għaqda volontarja. Huwa qal li sad-data tas-seduta kienet għadha ma ngħatatx tweġiba.

3.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1. Skema Vjal Kulħadd** **(T/3/6)**

3.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-21 ta' Ottubru 2024 saret laqgħa mal-Perit Dr A. Zammit fejn ġew sottomessi il-pjanta u ġie diskuss il-kunċett li għandu jiġi addottat. Is-sottomissjonijiet fir-rigward ta' Triq il-Qortin u Triq Selmun ġew sottomessi lill-Infrastructure Malta fid-29 ta' Ottubru 2024.

3.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.3. Xatba fil-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol VI)ż**

3.3.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri aċċenna li ġie avviċinat dwar il-ħtieġa ta' xatba fil-ħruġ tal-Park tal-Familja li tagħti għal fuq Triq Ġuże' Flores. Inġbidet l-attenzjoni li bil-barrikati eżistenti t-tfal xorta waħda qed joħorġu jiġru fit-triq.

3.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma jkuxn hemm ħtieġa tax-xatba msemmija, kemm-il darba tiġi mplimentata ż-żona pedonali approvata fi Triq Ġuże' Flores fil-parti bejn Triq Pietru Pawl Caruana u Triq Toni Pace.

## 3.4.1. Tkomplija tal-korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol IV)

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa dwar meta jistgħu jitkomplew il-korsijiet fl-użu tal-kompjuter ECDL.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li x-xogħol fuq ir-rinovar tas-Sala tal-Kunsill huwa stmat li jkun lest lejn l-aħħar ta' Diċembru 2024. Huwa qal li dan huwa l-uniku post fil-binja tal-uffiċċju li joffri l-ispazju meħtieġ.

## *3.5.1. Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 94)

*3.5.2.* Il-Kunsillier J. Cauchi rrefera għall-minuta 5.36.1 tas-seduta preċedenti u ġibed l-attenzjoni li waqt il-*hillclimb* li saret nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024 kien hemm konfużjoni partikularment fi Triq Edward Camilleri bit-traffiku li kien dieħel mill-bypass. Dan ġara peress li fejn ir-roundabout, kantuniera ma' Triq il-Wied ma kienx hemm la tabelli u lanqas uffiċjali biex jidderieġu t-traffiku.

*3.5.3.* Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li sa mill-inqas sal-10:00am kien għadhom ma tneħħewx il-vetturi pparkjati fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Dan il-fattur ikkawża konġestjoni minħabba li Triq Lewis Wettinger kienet magħluqa minn fejn ir-*roundabout* ta' Selmun.

*3.5.4.* Is-Sindku G. Micallef qal li l-uffiċjali suppost kienu fi Triq Ġorġ Borg Olivier, kif ukoll fi Triq is-Santwarju.

*3.5.5.* Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni l-ipparkjar fi Triq is-Santwarju għandu jitneħħa kollu, waqt avvenimenti ta' din ix-xorta, minkejja li jkun hemm l-uffiċjali fuq il-post.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 25/10/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 28/09/24 – 02/10/24;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 28/09/24 – 14/10/24;
- Minuti – Laqgħa ta' konsultazzjoni – Pjan Ħollistiku dwar Tqegħid ta' Imwejjed u Siġġijiet quddiem Stabbilimenti f'Misraħ il-Parroċċa – Mellieħa – 23/09/24;
- Minuti – Kunsill Reġjonali – 18/09/24;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. Parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità f'144, Triq il-Kbira
**(P/8/2/Vol VI)**

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 25 ta' Ottubru 2024, fejn Transport Malta għarrfu li saritilhom talba sabiex isir parkeġġ riżervat tal-komun għall-persuni b'diżabilità qrib l-indirizz imsemmi.

5.1.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.2.1. *Speed humps* fi Triq Ramlet il-Qortin u fil-parkeġġ tal-Armier (T/3/2/Vol XVII)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Ottubru 2024, fejn intalab sabiex isiru żewġ speed humps fuq kull naħa tal-parkeġġ fl-Armier u fi Triq Ramlet il-Qortin fil-parti bejn l-istess parkeġġ u t-triq li tagħti għall-kmamar ta' Ramlet il-Qortin. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li saru konsultazzjonijiet ma' Transport Malta, li minn naħa tagħhom approvaw biss ta' Triq Ramlet il-Qortin u ma awtorizzawx dawk tal-parkeġġ għaliex jipperikolalw l-aċċess għall-*parking bays*.

5.2.3. Il-Kunsill innota l-istruzzjoni mogħtija minn Transport Malta.

### 5.3.1. Inċident fuq il-Moll tat-Tunnara (D/5/Vol II)

5.3.2. Saret referenza għal imejl mibgħut minn persuna li fis-27 ta' Lulju 2024 qatgħet il-qiegħ ta' saqajha ma' pajp tal-ħadid li suppost kien mgħotti mill-konkos tal-moll li hemm quddiem il-Blu Beach Club fl-Għadira. Skont iċ-ċertifikat tat-tabib taċ-Ċentru tas-Saħħa, il-persuna konċernata kellha ferita ta' 5 centimetri u kellhom isirulha il-ponti biex tingħalaq.

5.3.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-1 ta' Awwissu 2024, il-Pulizija mill-Għassa tal-Qawra talbu lill-Kunsill dwar jekk il-moll huwiex responsabiltà tal-Kunsill Lokali. Fit-tweġiba li ngħatat inġibdet l-attenzjoni għall-Kapitolu 588 dwar Att dwar l-Aġenzija għall-Infrastruttura Malta – Artiklu 5(1)(ċ).

5.3.4. Kien hemm qbil li għandu jinkiseb parir legali sabiex jiġi stabbilit eżattament x'inhi l-pożiżjoni legali tal-Kunsill *vis-a-vis* dan il-każ.

### 5.4.1. Oratorio fl-okkażjoni tal-125 Anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Mellieħa (S/6/Vol VII)

5.4.2. Saret referenza għall-talba li mill-Għaqda Mużikali Imperial li talbu appoġġ finanzjarju mill-Kunsill sabiex ittellgħa oratorju bis-sehem tal-Banda u l-Korr Imperial flimkien mal-Korr tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa. Fl-istess eżekuzzjoni ħadu sehem ukoll erba' solisti, Alan Sciberras, Ken Scicluna, Louis Andrew Cassar u Mariette Borg. Dan ix-xogħol involva spiża ta' €15,000.

5.4.3. Kien osservat li saret rakkomandazzjoni lill-Kunsill Reġjonali sabiex dan ix-xogħol jibbenefika minn għotja taħt il-Fond Kulturali tar-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill qabel ukoll li l-involviment finanzjarju tiegħu dirett ma għandux jaqbeż il-massimu ta' €1,000 f'kull każ. Din id-deċiżjoni ttieħdet fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

### 5.5.1. Sejħa għall-offerti MLC 2/2024 – Installazzjoni ta' sistema CCTV fit-toroq ta' dħul/ħruġ miż-żona urbana tal-Mellieħa (C/9)

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-22 ta' Ottubru 2024, iltaqgħa l-Kumitat ta' Evalwazzjoni biex jiddiskuti s-sottomissjonijiet li saru minn tliet offerenti. Abbażi tal-evalwazzjoni tecknika li saret mill-konsulenti mqabbad, irriżulta li l-ebda waħdae ma kienet tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokumenti tal-offerta. Għaldaqstant kien rakkomandat li għandha ssir sejħa ġdida.

5.5.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

### 5.5.1. Żjara mill-Fratelli tal-Knisja Arċipretali f'Ruma (S/6/Vol VII)

5.5.2. Saret referenza għal ittra datata 15 ta' Ottubru 2024, iffirmata mill-Arċipriet tal-Mellieħa f'isem il-Fratellanzi f'ħdan il-parroċċa. Din tittratta żjara li ser jagħmel grupp ta' tletin fratell fl-okkażjoni tas-Sena tal-Ġublew fil-Vatikan f'Mejju 2025, li għaliha ġew mistiedna fratellanzi oħra minn pajjiżi oħra. Sar appell sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarjament bil-għan li sseħħ din iż-żjara.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma illi din l-inizjattiva ser tkun opportunità li tippromwovi l-kultura lokali u nazzjonali barra minn Malta, u għalhekk qabel li għandu jikkontribwixxi għaliha sa massimu ta' €1,000 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

**5.6.1. Dfin fl-oqra tal-komun fiċ-ċimiterji tal-Mellieħa (C/7)**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għal ittra datata 18 ta' Ottubru 2024, fejn il-Kunsill Parrokkjali Pastorali lmenta mal-Ispettur Sanitarju responsabbli mid-dfin fiċ-ċimiterji tal-gvern, peress li ma għadux possibbli li l-familjari jiddiċiedu jekk id-difna ssirx fl-oqbra tal-komun fiċ-Ċimiterji Sultana tal-Vittorji, jew f'dawk li hemm fiċ-Ċimiterji Omm il-Ħniena. Fost ir-raġunijiet li ssemmew hemm li wieħed irid ikollu vettura biex imur fiċ-Ċimterju Omm il-Ħniena. Bl-arranġament il-ġdid jista' jkun hemm minn għandu qrabat f'żewġ ċimiterji differenti.

5.6.3. Fid-dawl ta' din il-miżura, il-Kunsill qabel li għandha ssir il-mistoqsija dwar jekk in-numru ta' oqbra fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji huwiex biżżejjed biex jiġi osservat il-perjodu li dawn jinżammu magħluqa skont il-liġi. Din il-mistoqsija għandha ssir peress li fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji hemm 60 qabar tal-komun, filwaqt li fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena hemm biss 24.

**5.7.1. Tilqim stagjonali tal-influwenza, tal-COVID u tal-PCV (M/8/Vol VIII)**

5.7.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-imejl datat 24 ta' Ottubru 2024 fejn ġew indikati r-rekwiżiti biex jingħataw l-injezzjonijiet imsemmija mill-Kunsilli Lokali, fosthom il-ħtieġa li jiġi nkarigat tabib sabiex jordna l-ammont meħtieġ, kif ukoll jagħmel l-ordni lid-Dipartiment tas-Saħħa. L-istess tabib irid jagħti l-injezzjonijiet huwa stess mill-berġa. Is-Sur G. Micallef kompla jgħid li diversi Kunsilli li qed jinsistu li jinżamm l-arranġament li kien hemm qabel, filwaqt li d-Dipartiment tas-Saħħa qed isosstni li s-servizz jingħata miċ-Ċentri tas-Saħħa, sabiex jingħataw it-tliet injezzjonijiet imsemmija. Is-Sindku għarraf ukoll li waqt l-aħħar seduta tal-Kunsill Reġjonali huwa ressaq proposta sabiex għallinqas jiġu allokati jumejn biex minn jieħu l-injezzjoni tal-influwenza staġġjonali ma jkollux għalfejn imur il-Mosta.

5.7.3. Il-Kunsilliera C. Castillo kkummentat li l-ħafna nies lesti biss jieħdu l-injezzjoni kontra l-influwenza staġġjonali u għalhekk il-Kunsill jista' joffri li jagħti lilha permezz ta' infermiera, kif sar fil-passat. Minn jixtieq jieħu tnejn jew it-tlieta, jista' imur il-Mosta.

5.7.4. Il-Kunsillieri L. Darmanin u E. Bartolo ppproponew li l-Kunsill joffri servizz ta' minibus fuq numru ta' ġranet, għal Mosta li jmur u jiġi darba kuljum.

5.7.5. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-eżitu' tal-kuntatti li ser isiru mill-Kunsill Reġjonali mad-Dipartiment tas-Saħħa.

**5.8.1. Użu ta' binja fil-Park tal-Majjistral f'Għajn Tuffieħa (A/4/10)**

5.8.1. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Settembru 2024 fejn il-Manager tal-Park tal-Majjistral għarraf li l-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi għandu l-intenzjoni li juża l-binja (Tenement Nru. 26228) assenjata lill-Kunsill fil-Park tal-Majjistral biex jiġi nstallat tagħmir tal-komunikazzjoni li jgħaqqad diversi pajjiżi tal-Mediterran.

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-binja in kwistjoni tintuża mill-Kunsill bħala maħżen u għaldaqstant għandu jinstab post alternattiv għat-tagħmir imsemmi.

5.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li l-Bord tal-Park tal-Majjistral qed joġġezzjona u ser jinsisti li dan il-bini jibqa' għand il-Kunsill fl-intier tiegħu.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u osserva bi qbil mal-pożizzjoni addotata mill-Bord.

**5.9.1. Proġett *Silva Green Pathways* (A/3/Vol IV)**

5.9.2. Il-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fil-11 ta' Ottubru 2024 saret laqgħa ma' Dr Alex Borg Galea *(Chief Scientific Officer),* is-Sinjuri Ryan Cilia *(Project Manager),* Leo Vella *(Chief Agricultural Officer),* u Josianne Muscat *(Environment Projects Director),* ilkoll minn Ambjent Malta. Għall-istess laqgħa attenda s-Sindku G. Micallef, u Ms M. Gambin, flimkien miegħu. Huwa spjega li Ambjent Malta daħlet għal dan il-proġett bil-għan li tirrijabilità l-imsaġar tal-Miżieb u fl-Aħrax ta' Ġewwa wara l-ħsara li saret bin-nirien fl-aħħar snin. L-interventi ippjanati fiż-żewġ żoni jinvolvu tħawwil ta' siġar u arbuxelli indiġeni biex jerġa' jinħoloq ħabitat aktar divers u reżiljenti, installazzjoni ta' sistema ta' tisqija konnessa ma' infrastruttura eżistenti ta' *new water*, kif ukoll l-introduzzjoni ta' tabelli informattivi dwar nirien f'każ ta' emerġenza.

5.9.3. Kien spjegat ukoll li l-interventi fl-Aħrax ta' Ġewwa jinvolvu wkoll miżuri ta' kontroll għal Acacia permezz ta' erbiticida li jiġi injettatta fiż-żokk, tqattigħ ta' siġar tal-prinjol mejta, u ż-żrigħ ta' pjanti li jikbru fix-xagħri. Fil-Miżieb huwa ppjanat li jsir idrant tan-nar permezz tal-provvista tan-*new water*.

5.9.4. In-naħa tal-Kunsill appellat li Ambjent Malta tikkuntattja entitajiet oħra nteressata fil-postijiet in kwistjoni, bħalma huma l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti u l-Malta Rangers Unit, li minn naħa tagħhom jistgħu jgħinu ħafna biex l-interventi jkunu ta' suċċess.

5.9.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan il-proġett huwa ta' fejda u jistħoqqlu appoġġ.

## 5.10.1. Laqgħa mal-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate (S/2/Vol V)

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li ser issir laqgħa mal-għaqda msemmija fl-14 ta' Novembru 2024 dwar materji li jolqtu ż-żona ta' Santa Marija Estate.

5.10.3. Il-Kunsill innota l-appuntament.

## 5.11.1. Xogħlijiet tan-*new water* fil-Miżieb (W/2/Vol II)

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li tkomplew il-kuntatti mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar is-suġġett t'hawn fuq, u rriżulta li 65 fil-mija tax-xogħlijiet huma lesti u huwa kkalkulat li sa nofs Novembru 2024 it-triq tinfetaħ għat-traffiku.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. Skema dwar għajnuna għal tizjin tal-Milied 2024-25 (T/4/15/Vol II)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna li reġgħet saret is-sejħa dwar l-iskema msemmija. Huwa fakkar li f'aħħar snin din kienet tinvolvi finanzjament massimu ta' €10,000. Huwa qal li ser issir sottomissjoni sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż li jsiru mill-Kunsill fuq din l-inizjattiva.

5.12.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni msemmija.

## 5.13.1. Għajnuna finanzjarja lill-gazzetta "Il-Mellieħa" (P/3/1/Vol XV))

5.13.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' Ottubru 2024 fejn il-Fondazzjoni Mellieħa appellat lill-Kunsill sabiex jgħina b'donazzjoni ta' €200 fix-xahar għat-tliet snin li ġejjin, minħabba żieda fl-ispejjeż li qed jheddu l-pubblikazzjoni ta' din il-gazzetta li ilha toħroġ 62 sena.

5.13.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba ma tistax tintlaqgħa għal raġunijiet legali. Kien nnutat li l-Kunsill diġa qed jagħmel użu mill-pubblikazzjoni tiegħu "Mill-Qiegħa" kif ukoll fil-media soċjali biex jinforma lir-residenti dwar ħidmietu.

**5.14.1. Bdil tal-bankijiet fil-Kappella ta' Selmun** **(S/6/Vol VII)**

5.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-16 ta' Ottubru 2024 huwa rcieva imejl mingħand is-Sur Michael Pace Ross, li qed jikkordina l-ġbir ta' fondi bil-għan li jinbidlu 16-il bank fil-kappella ta' Selmun. Il-prezz ikkwotat għal kull wieħed huwa €3,777 inkluż il-V.A.T.

5.14.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba peress li donazzjonijiet ta' flus jew b'oġġetti mhumiex permessi bil-liġi.

**5.15.1. Ipparkjar fi Triq il-Lellux k/m Triq il-Garni** **(T/3/2/Vol XVII)**

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li fil-post indikat tista' toqgħod *parking bay,* kemm-il darba jiqsaru *double yellow lines* eżistenti. Hija spjegat li l-*parking bay* trid issir quddiem *cabinet* tal-Enemalta. B'dan il-mod id-*double yellow lines* ikunu jistgħu jsiru bejn dan l-ispazju u l-garaxx li hemm faċċata.

5.15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.16.1. Festa ta' San Martin fid-Dar tal-Anzjani** **(A/1/1/Vol II)**

5.16.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru 2024 ser ikun hemm attività għall-familja kollha fid-Dar tal-Anzjani, bis-sehem tal-Banda La Vittoria, iż-żeffiena Artemocion, il-Girl Guides, kif ukoll l-Eco Market. Hija qalet li d-direzzjoni tad-Dar talbu l-intervent tal-Kunsill sabiex jinkrew 10 bankarelli mingħand l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu bi prezz ta' €10-il waħda.

5.16.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.17.1. Ħarġa kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

5.15.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin ipproponiet li l-ħarġa kulturali li jmiss issir fl-20 ta' Novembru 2024 lejn il-kripta tal-Kunvent tal-Kapuċċini u l-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana. Hija staqsiet jekk hijiex ser tinżamm il-prassi li jintalab ħlas ta' €15 lil min jattendi.

5.17.2. Il-Kunsill qabel mal-proporta, kif ukoll ikkonferma li jibqa' jintalab il-ħlas imsemmi.

5.18.1. **Laqgħa ma' uffiċjali mill-Malta Libraries** **(L/4/Vol III)**

5.18.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li saret laqgħa mad-direzzjoni tal-Malta Libraries billi dawn għandhom l-intenzjoni li l-librerijai fil-lokalitajiet ikollhom sett sħiħ ta' pubblikazzjonijiet li jsiru minn għaqdiet u ndividwi tal-istess lokal. Hija qalet li l-librar tal-Mellieħa kien diġa ħa inizjattiva f'din id-direzzjoni u fil-fatt il-Mellieħa se tkun it-tielet lokalità f'Malta li għamlet hekk.

5.18.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Malta Libraries għamlu għotja ta' 100 ktieb għat-tfal sabiex jitpoġġew fil-*book box* li hemm fil-Park tal-Familja. Dawn ġew ippreżentati fis-27 ta' Settembru 2024 fil-preżenza tal-persuna li tieħu ħsieb il-book box.

5.18.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg ippropona wkoll li jkun hemm *book box* fi Ġnien il-Qigħan bħal dik li hemm fil-Park tal-Familja.

5.18.5. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif u l-proposta mressqa.

**5.18.1. Publikazzjoni dwar Selmun** **(P/3/2)**

5.18.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarfet li hija flimkien mas-Sindku G. Micallef kellhom laqgħa mas-Sur David Muscat rigward il-pubblikazzjoni msemmija.

5.18.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**5.19.1. Ħajt perikoluż fi Triq il-Barkazza k/m Triq il-Wied Ta' Ruman (C/6/Vol IX)**

5.19.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin ġibdet l-attenzjoni li l-ħajt imsemmi baqa' ma ssewwiex minkejja li huwa perikoluż.

5.19.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jerġa' jgħaddi l-każ lill-Pulizija tal-Komunità sabiex ikellmu lis-sid konċernat.

**5.20.1. Moll biswit Dawret it-Tunnara faċċata ta' Triq it-Trill (X/1/5)**

5.20.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin ġibdet l-attenzjoni li meta l-baħar ikun mimli l-moll imsemmi ma jkunx jista' jintuża. Hija qalet li l-livell tiegħu għandu jiżdied sabiex jilqa' għal din it-tip ta' kundizzjoni.

5.20.3. Il-Kunsill qabel li dan il-fattur għandu jinġieb għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta.

**5.21.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

5.21.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin ipproponiet li ssir sessjoni "Aqra Miegħi" fl-ambjent tal-Irżieżet ta' Selmun nhar is-Sibt 23 ta' Novembru 2024.

5.21.3. Il-Kunsill approva l-attività.

**5.22.1. Għarfien dwar *ADHD* (M/8/Vol VI)**

5.22.2. Il-Kunsillier L. Darmanin ipproponiet li jsiru sessjonijiet ta' tagħrif sabiex jiżdied l-għarfien dwar l-*Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD).*

5.22.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.23.1. Bust ta' Sammy Bartolo (M/9)**

5.23.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin ipproponiet li jsir bust li jfakkar lill-kantant Sammy Bartolo bħala persuna Mellieħi li għamel isem fil-qasam mużikali fuq livell nazzjonali.

5.23.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li diġa hemm triq imsemmija għall-Sammy Bartolo u għalhekk wieħed għandu joqgħod attent li ma jkunx hemm duplikazzjoni.

5.23.4. Il-Kunsill innota l-proposta.

**5.24.1. Ipparkjar fi Triq it-Tramuntana k/m Triq San Publiju (T/3/2/Vol XVII)**

5.24.2. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li hija ġiet avvinata minn operator ta' ħanut tal-merċa li jinsab fil-post imsemmi, illi talab sabiex il-linji doppji li hemm f'ras it-taraġ jonqsu għal wieħed singolu. Dan biex ikun possibbli li jsir ħatt u tagħbija.

5.24.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.25.1. Provista ta' *new water* f'inħawi ta' Għajn Żnuber (W/2/Vol III)**

5.25.2. Il-Kunsilliera C. Castillo aċċennat li d-*dispensers* tan-*new water* li ilhom illi ġew installati iżda ħadd għadu ma jista' jieħu minnhom. Hija appellat sabiex issir pressjoni fuq il-Korporazzjoni tal-Ilma biex jitħaffef il-proċess.

5.25.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li dan is-suġġett tqajjem waqt laqgħa riċenti li saret ma' uffiċjali tal-Korporazzjoni. Is-servizz ġie ittardjat peress li kellhom isiru *cards* biċ-ċippa magħhom bil-għan li jitwaqqfu l-abbużi u tingħata provista skont l-uċuħ ikkultivati.

5.25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.26.1. Konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol IV)**

5.26.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li l-Kunsill reġa ġie msejjaħ biex jattendi laqgħa ma' Transport Malta dwar il-pożizzjoni tiegħu rigward miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tonqos il-konġestjoni fit-toroq imsemmija.

5.26.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li l-Kunsill diġa investa f'sistema ta' CCTV biex ikun hemm infurzar konsistenti. Il-pass li jmiss huwa li jiġi ntrodott l-*interchange* fi Triq Selmun sabiex b'hekk jonqsu nofs ir-rotot tal-karozzi tal-linja li jgħaddu mit-toroq ewlenin u minflok jużaw il-*bypass* b'daħla fi Triq Edward Camilleri. Huwa qal ukoll li fil-passatt ġew ippruvati miżuri oħra li fallew għaliex l-infrastruttura tat-toroq ma' tippermettix.

5.26.4. Is-Sur E. Bartolo qal li mhux aċċettabbli li jiġu eliminati aktar spazji għall-ipparkjar, għaliex dan ikollu effett negattiv fuq il-pubbliku li jkun kostrett jieqaf bil-vetturi fl-imsemmija toroq. Miżura bħal din anke jkollha effett negattivi fuq in-negozju. Huwa staqsa fiex waslet l-applikazzjoni tal-*interchange*.

5.26.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-applikazzjoni PA 1788/23 qiegħda għar-rakkomandazzjoni tal-*case officer*.

5.26.6. Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa tad-19 ta' Novembru 2024 għadha tiġi addottata l-pożizzjoni skont il-minuti 5.26.3 u 5.26.4 aktar 'il fuq.

**5.27.1. Attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġ Mellieħa-Agia Napa (K/1/5/4)**

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef rrefera għaż-żjara li saret f'Agia Napa bejn is-16 u d-19 ta' Ottubru 2024 fl-okkażjoni tal-Festival Medjevali. Huwa qal ukoll li kien hemm diskussjoni dwar kif għandhom jitkomplew l-iskambji bejn iż-żewġ lokalitajiet, partikularment fin-nuqqas ta' għaqdiet volontarji f'Agia Napa. Huwa qal li jeżisti biss klabb tal-futbol, iżda minn naħa l-oħra hemm potenzjal li gruppi Maltin involuti fir-*reenactments* jieħdu sehem fil-Festival Medjevali. Is-Sur G. Micallef, aċċenna wkoll li l-popolazzjoni tal-muniċipalità telgħet minn madwar 5,000 għall-30,000 bl-amalgamazzjoni ta' ħames lokalitajiet oħra tal-qrib fl-elezzjonijiet li saru f'Ġunju 2024. Dawn il-lokalitajiet ingħataw viċi-sindakat kull wieħed fil-kunsill attwali.

5.27.3. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li sabiex jiġi mfakkar il-15-il anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ Mellieħa/Agia Napa f'Malta, ġiet mistiedna delegazzjoni magħmula mis-Sindku C. Zannettou flimkien mal-ħames Viċi Sindki ta' Agia Napa ser tasal Malta fid-29 ta' Novembru 2024. Huwa spjega li ċ-ċermonja kommemorattiva ser issir fid-29 ta' Novembru fis-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Huwa qal ukoll li qed jitfassal itinerarju taż-żjara, kif ukoll qed jintalbu stimi dwar l-akkomodazzjoni u servizzi oħra meħtieġa.

5.27.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll l-arranġamenti msemmija aktar 'il fuq.

**5.28.1. Integrazzjoni soċjali (I/3)**

5.28.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li huwa kompla bil-kuntatti dwar is-suġġett mal-Qawra Community Service li huma nkarigati minn ħidma soċjali u żvilupp fil-komunità għar-residenti ta' San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra, Burmarrad, Xemxija u Mellieħa. Huwa qal li ser ikollu laqgħa ma' uffiċjali minn dan iċ-ċentru fit-30 ta' Ottubru 2024 biex jiġu stabbiliti l-oqsma fejn il-komunità barranija residenti fil-lokalità tista' tkun involuta f'dak li jkun qed jiġi organizzat fil-lokalità.

5.28.3. Il-Kunsill innota u approva l-kuntatti msemmija.

**5.29.1. Kundizzjoni ta' Triq il-Barkazza** **(D/3/1/Vol XII)**

5.29.2. Il-Kunsillier J. Cauchi ġibed l-attenzjoni li teżisti ħofra perikoluża fil-parti ta' Triq il-Barkazza li għadha mhux asfaltata.

5.29.3. Ittieħdet nota sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

**5.30.1. Titjib fi Ġnien il-Qigħan** **(P/2/1)( L/4/Vol III)**

5.30.2. Is-Sindku K. Buttigieg ippropona li ssir manutenzjoni fil-ġnien imsemmi, kif ukoll jiġu ntrodotti bandli addatti għal tfal żgħar. Ġibed l-attenzjoni wkoll li hemm bandla tal-molla li jeħtieġ tiġi rranġata.

5.30.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li attwalment għaddejjin kuntatti mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar it-tħaffir ta' ġiebja għall-ilma tax-xita, flimkien ma' titjib ieħor.

**5.31.1. Xogħol ta' ġardinaġġ fi Ġnien Dun Anton Debono** **(K/6/3/Vol V)**

5.31.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li jeħtieġ issir żabra fil-ġnien imsemmi partikularment fil-każ tal-lantana li hemm mad-dawra tal-istess ġien, li qed tokkupa l-bankini. Issemmiet ukoll siġra li qed ixxekkel id-daħla minn Triq Antonio Falzon kantuniera ma' Triq Toni Pace.

5.31.3. Ittieħdet nota sabiex il-kuntrattur konċernat jagħmel ix-xogħol meħtieġ.

**5.32.1. Laqgħa għar-residenti tal-Manikata** **(M/1)**

5.32.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li għandu l-intenzjoni li jsejjaħ laqgħa għar-residenti tal-Manikata sabiex jiġu aġġornati bil-ħidma li twettqet jew qed issir mill-Kunsill. Huwa ppropona li din issir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2024 fis-6:00pm fis-Sala Parrokkjali, Triq Dun Manwel Grima, Manikata.

5.32.3. Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-appuntament.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef illi tgħid:**

***"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq Urbani, intemm it-terminu tiegħu, kif ukoll saret sejħa għall-offerti MLC 4/2023, li għalija wieġeb offerent wieħed;***

***Billi wara l-iskada il-kuntratt preċedenti, il-Kunsill irrikorra għas-servizzi mogħtija mid-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni skont ma' jippermetti l-artiklu 39 tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363);***

***Billi l-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett f'diversi seduti, kif ukoll segwa l-andament tas-servizzi li rrendiet it-Taqsima tal-Indafa u l-Manutenzjoni, kif ukoll ra l-makkinarju għad-dispożizzjoni tal-istess Diviżjoni;***

***Billi qabel l-iskadenza tal-ftehim temporanju mal-Diviżjoni, iż-żewġ naħat iddiskutew termini ġodda bil-għan li l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jevalwa l-għażliet li għandu quddiemu dwar jekk għandux ikompli bis-servizz mad-Diviżjoni, jew jitkompla l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerta msemmija li saret minn entità privata.***

***Billi l-ftehma ġenerali tal-Kunsill hija illi servizz li ngħata mid-Diviżjoni kien wieħed affidabbli u risponsiv għall-esiġenzi li jinqalgħu;***

**1.1.1 Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jitwaqqaf il-proċess tas-sejħa pubblika MLC 4/2023, filwaqt li jiġi ffirmat memorandum ta' ftehim kif rivedut mid-Diviżjoni tal-Indafa u Manutenzjoni, skont l-abbozz mgħoddi lill-Kunsill fit-22 ta' Ottubru 2024, mehmuż ma' din il-mozzjoni.". (T/4/5/Vol IV)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għat-test tal-MoU kif propost mill-Kunsill. Dan ġie mgħoddija għall-approvazzjoni tal-CMD. Is-CMD għaddewħ lura b'xi tibdil minn naħa

tagħhom, liema test ġie mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2024. Ġie spjegat li essenzjalment it-tibdil li sar jinvolvi li:

a) It-tindif tal-*culverts* mhuwiex kopert bl-*MoU*, iżda jista' jingħata bi ħlas apparti;

b) It-terminu tal-ftehim huwa għal ħames snin;

c) L-ispiża annwali tammonta għal €121,380 u tipprovdi għal għaxar (10) kenniesa mit-Tnejn sas-Sibt;

d) Is-servizz tal-Ħdud jingħata bi ħlas apparti;

e) Il-ħlas lis-CMD isir kull tliet xhur bl-lura; u

6.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar pproponiet li jsir tibdil fit-test tal-ftehim kif indikat fl-iskeda t'hawn taħt:

| **Klawsola** | **Għan tat-Tibdil Propost** |
|---|---|
| 1.1.(i) | Jiġi ndikat b'mod ċar li l-qtugħ tal-ħaxix jrid isir fil-passaġġi u toroq pubbliċi biss. |
| 1.1. (ii) | Is-CMD tkun responsabbli għall-ġbir tal-iskart li mhux riċiklabbli li jitħalla abbużivament fil-*bring-in sites*. |
| 1.1. (vi) | It-tindif tal-*culverts* għall-ilma tax-xita isir f'Awwissu mhux f'Settembru. |
| 2.3. | Tiġi stabbilita r-rata tal-ħlas fis-siegħa tal-kenniesa fil-Ħdud u Festi. |
| 2.4. u 2.5. | L-għaxar ħaddiema assenjati jkunu mqassma f'żewġ grupp li joperaw separatament filgħodu u wara nofsinhar. |
| 4.1. (iii) | Il-boroż li jimtlew mill-kenniesa ma jdumux perjodu twil biex jinġabru fil-vetturi tas-CMD. |
| | Jidħlu klawsoli li jisabilixxu l-penali f'każ ta' nuqqasijiet mis-CMD |

6.4. Il-Kunsill approva l-emendi kollha proposti skont il-minuta 6.3 , filwaqt li dwar il-klawsoli 2.4 u 2.5, ġie deċiż li l-għaxar kenniesa għandhom jinqasmu f'żewġ gruppi biss waqt il-ħin tal-Sajf, peress li fix-xitwa jidlam iktar kmieni.

6.5. Il-Kunsill osserva li fl-intervent illi sar mis-Sur D. Hall fis-seduta preċedenti, kien intqal li l-ħlasijiet mill-Kunsill isiru kull tliet xhur. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Artiku 3.1. tal-ftehim għandu jirrifletti dan.

6.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg ressaq mozzjoni sabiex it-tieni u t-tielet paragrafi tal-mozzjoni original jiżdiedu il-frażijiet issottolinejati biex jinqraw kif ġej:

"*Billi wara l-iskada il-kuntratt preċedenti fit-30 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill irrikorra għas-servizzi mogħtija mid-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni skont ma' jippermetti l-artiklu 39 tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363);*

*Billi l-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett f'diversi seduti, kif ukoll segwa l-andament tas-servizzi li rrendiet it-Taqsima tal-Indafa u l-Manutenzjoni permezz tal-ftehim temporanju, kif ukoll ra l-makkinarju għad-dispożizzjoni tal-istess Diviżjoni;*"

6.7. Il-mozzjoni tal-emenda ġiet approvata wara li ġiet issekondata mis-Sindku G. Micallef.

6.8. Il-mozzjoni bl-emendi ġiet approvata unanimament wara li kienet issekondata mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar.

**7.1. Sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' *double cab pick*-up għal użu mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill (V/3)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-kuntratt imsemmi skada u għalhekk ppropona li ssir sejħa għall-offerti. Huwa qal li attwalment is-servizz qed jingħata wara li saret sejħa għall-kwotazzjonijiet.

7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**8.1. Sejħa għall-offerti iż-żamma u manutenzjoni ta' parki u ġonna (K/6/3/Vol III)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 22 ta' Ottubru 2024, fejn il-kuntrattur responsabbli mis-servizz imsemmi għarraf li mhuwiex ser ikun f'pożizzjoni li jkompli jirrendi s-servizz wara t-30 ta' Novembru 2024 billi l-kuntratt skada. Kien propost li ssir sejħa għall-offerti b'rekwiżiti aġġornati bl-inklużjoni ta' ċerti *soft areas* li ma kinux inklużi fil-kuntratt preċedenti li jikkonsistu fi:

- Il-parkeġġ tal-Armier bis-*soft areas* li saru riċenti;
- Il-parkeġġ tal-Għadira;
- Is-*soft area* ta' bejn il-blokki fi Qasam Ta' Pennellu;
- Is-*soft areas* fi Triq il-Kbira bejn Triq il-Fortizza;
- Triq l-Erwieħ k/m Triq il-Marfa (faċċata tal-istatwa tar-Ruħ);
- Is-*soft area* fi Triq Napuljun Caruana Dingli k/m Triq Vincenzo Ciappara.

8.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa b'mod immedjat wara li jsir it-tibdil indikat fid-dokument tal-offerta.

**9.1. Inġagg ta' uffiċjal/i klerikali fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fil-11 u l-14 ta' Ottubru 2024 saru l-intervisti lil sitta mis-seba' kandidati li kellhom il-kwalifi stabbiliti fir-Regolamenti Dwar Riżorsi Umani (Gvern Lokali). Waħda mill-kandidati ma attendietx minkejja li ngħatat it-tieni appuntament. Kien hemm tmienja li ma saritilhomx l-intervista peress li ma kellhomx il-kwalifiki stabbiliti fil-liġi u ġew notifikati dwar dan.

9.3. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bord tal-intervisti, qed jirrakkomanda li fid-dawl tal-irtirar tas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, għandhom jiġu ngaggati żewġ uffiċjali fi Skala 15, peress li l-uffiċjal fi Skala 10 ser tkun qed taqdi l-funzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, minħabba din ir-raġuni.

9.4. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab il-permess mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-aġenzija Jobsplus.

**10.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XXV)**

10.2. Is-Sindku G. Micallef ippropona li ċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill 2024 issir nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024 fl-istess post fejn saret l-edizzjoni preċedenti, fir-Radisson Resort & Spa, Golden Sands. Huwa ġibed l-attenzjoni li għad irid jiġi deċiż il-patroċinju tas-serata, peress li l-E.T. l-President ta' Malta Myriam Spiteri Debono ma tistax tkun preżenti minħabba mpenji oħra. Is-Sur G. Micallef aċċenna wkoll li għandu ma ġiex stabbilit l-kontenut mużikali/vokali tas-serata.

10.3. Il-Kunsilliera C. Castillo appellat sabiex jinħareġ l-avviż dwar is-sejħa għan-nominazzjonijet dwar l-onorefiċenzi, peress li ma tantx fadal żmien.

10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar jekk il-membri tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni tal-Onorefiċenzi, humiex ser jinbidlu jew jibqgħu l-istess. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa jaqbel li l-Bord jibqa' magħmul mill-istess membri u għaldaqstant għandha tintbagħat ittra sabiex dawn jikkonfermaw li lesti jkomplu jservu.

10.5. Il-Kunsill innota t-tħejjijiet li saru u approva l-proposti mressqa.

## 11.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi (A/5/3/6/Vol IX)

11.2. Is-Sindku G. Micallef ippropona li l-edizzjoni ta' Milied Mellieħi 2024 issir bejn il-Ġimgħa 20 u l-Erbgħa 24 ta' Diċembru 2024 taħt tinda f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa. L-ewwel attività tkun fil-Manikata nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2024. Il-ħsieb din is-sena huwa li waqt Milied Mellieħi jispikka l-aspett komunitarju u filantropiku, aktar milli l-element kummerċjali. Għaldaqstant l-edizzjoni 2024 ser isir b'riżq l-Istrina segwita b'preżentazzjoni tas-somma miġbura waqt l-erbat ijiem attivitajiet.

11.3. Is-Sindku spjega li sad-data tas-seduta kien għadu tfassal qafas ta' programm t'attiviajiet li jiġu diskussi fid-dettal mal-Kunsill kollu hekk kif l-kontenut jiġi stabbilit. Is-Sur G. Micallef qal li l-ħsieb huwa li l-programm tul l-erbat ijiem ikun imqassam kif ġej:

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru filgħaxija | Attività fil-Manikata |
| Is-Sibt, 21 ta' Diċembru filgħodu | Kompetizzjoni għall-isbaħ *Christmas Log*/Kejk tal-Milied u Inizjattiva għat-Tfal fejn jibnu presepju żgħir |
| Is-Sibt, 21 ta' Diċembru filgħaxija | Ikla miftuħa għal kulħadd b'divertiment mużikali bejn is-7.30pm u l-11.00pm. |
| Il-Ħadd, 22 ta' Diċembru filgħodu | Inizjattiva *'Food for Charity'* fejn l-ikel li jinġabar jiġi ppreżentat lil wieħed mill-istituti u *slot* mill-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa |
| Il-Ħadd, 22 ta' Diċembru wara nofsinhar | Attivitajiet differenti għat-Tfal u Tombla |
| Il-Ħadd, 22 ta' Diċembru filgħaxija | Spettaklu ta' mużika mtellgħa minn artisti lokali |
| It-Tnejn, 23 ta' Diċembru filgħaxija | Kant ta' innijiet tal-Milied u programmi mużikali mill-Għaqdiet Mużikali |
| It-Tlieta, 24 ta' Diċembru filgħaxija | Purċissjoni bil-Bambin bis-sehem tas-soċjeta' tal-MUSEUM u l-priedka mill-abbatini li saret fil-Milied 2023. |
| It-Tlieta, 24 ta' Diċembru wara l-quddiesa ta' nofs il-lejl | *Early Breakfast* u Presepju Ħaj |

11.4. Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li jinħoloq kumitat iffurmat minn rappreżentanza minn kull għaqda, li tkun tixtieq tagħti s-sehem tagħha fl-attivitajiet imsemmija hawn fuq, speċjalment fejn jidħlu armar ta' *stands*. Is-Sindku qal li bħalma sar fis-snin preċedenti, il-ħsieb huwa li jkun hemm armati numru ta' *stands* li minnhom isir bejgħ ta' ħelu tradizzjonali tal-Milied, *poinsettias*, eċċ. Dan jinvolvi l-ħruġ tal-permessi neċessarji sabiex:

- Issir it-tombla;

- L-eżenzjoni tal-VAT fir-rigward tal-bejgħ li jsir mill-għaqdiet parteċipi, peress li l-attività għandha għan filantropiku; u

- Isir il-bejgħ ta' ikel ippreparat fuq il-post, jekk ikun il-każ.

11.5. Is-Sur G. Micallef qal ukoll illi jekk ikun hemm spazju biżżejjed taħt it-tinda, tittella' wirja ta' presepji u rokna għat-tfal. Fl-eventwalità li ma jkunx hemm spazju biżżejjed, il-wirja ta' presepji tista' ssir fil-każini tal-baned li hemm f'Misraħ il-Parroċċa.

11.6. Fl-aħħarnett huwa qal li n-nefqa fuq il-kiri tat-tinda mhux ser taqbeż €2,000 u għaldaqstant dan ser jgħin sabiex jonqsu l-ispejjeż in ġenerali. Is-Sindku qal li ma jeskludiex il-possibiltà li l-komunità kummerċjali tikkontribwixxi wkoll b'mod finanzjarju f'attivitajiet li jittellgħu.

11.7. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jaqbel ħafna mal-programm kif issuġġerit għaliex huwa programm sempliċi u jispikka ħafna l-ispirtu tal-Milied. Huwa ssuġġerixxa li jkun ikun hemm l-involviment ukoll tal-komunitajiet barranin li jgħixu fil-Mellieħa.

11.8. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-BNF Bank huwa nteressat li jagħti *sponsorship* marbut mal-promozzjoni tas-servizzi li joffri l-bank tul il-jiem ta' Milied Mellieħi.

11.9. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li hija kkuntattjat lill-*manager* tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral dwar il-possibbiltà li jiġu allokati fondi għal attivitajiet kulturali bħal Milied Mellieħa mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

11.10. Is-Sinjura M. Gambin wieġbet illi jista' jingħata finanzjament abbinat mal-promozzjoni ta' attivitajiet kulturali.

11.11. Il-Kunsill innota u approva t-tħejjijiet kif spjegati aktar 'l fuq.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 25 ta' Ottubru 2024.

11.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-28 ta' Settembru u l-25 ta' Ottubru 2024.

11.4. Il-Kunsillier J. Cauchi aċċenna ghall-pagament 032-09-24 dwar ammont ta' €85 b'rabta ta' frott li tqassam lill-anzjani f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa waqt attività li saret għalihom. Huwa staqsa dwar jekk inġabrux stimi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv għaliex mhux faċli jinġabru stimi fl-ammont speċifika għal dawk it-tip ta'provisti.

11.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-pagament 055-09-24 dwar ix-xiri ta' *projector* u screen għaċ-Ċentru Anzjanità Attiva. Huwa fakkar li l-Kunsill kien approva x-xiri ta' *projection* biss.

11.6. Il-Kunsilliera L. Darmanin ikkummentat li l-i*screen* kien żdied wara fuq talba mis-*Superviso*r taċ-ċentru. Peress li t-talba kienet tidher li hija raġġjonevoli ġie nkluż l-i*screen* wara li nġabru l-istimi.

11.7. Ġiet imressqa skeda ta' Infieq permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn it-28 ta' Settembru u l-14 ta' Ottubru 2024.

11.8. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fil-11:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2024 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |